



Brussell, 29 ta' Settembru 2021
(OR. en)

12315/21

LIMITE

CT 123
ENFOPOL 335
COSI 175
JAI 1029
COTER 118
COPS 335
COASI 144
CORDROGUE 40
RELEX 805
CFSP/PESC 872

NOTA

minn:	Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	ST 11556/1/21 REV 1
Suġġett:	Afganistan: Pjan ta' Azzjoni għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu

Il-Kunsill tal-UE ("Ġustizzja u Affarijiet Interni") iddikjara fil-31 ta' Awwissu 2021: "L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżguraw li s-sitwazzjoni fl-Afganistan ma twassalx għal theddid ġdid għas-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE." Il-Kunsill tal-UE ("Affarijiet Interni") iddikjara fis-17 ta' Settembru 2021: "Jipprevjenu lill-Afganistan milli jservi bħala bażi għall-ospitar, il-finanzjament jew l-esportazzjoni tat-terroriżmu lejn pajjiżi oħra. Iridu jsiru l-isforzi kollha biex jiġi żgurat li t-Taliban itemm ir-rabtiet diretti u indiretti kollha mat-terroriżmu internazzjonali."

Dan il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu jidentifika oqsma ta' azzjoni fejn l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jħejju u jimmobilizzaw strumenti eżistenti f'waqthom biex jantiċipaw u jindirizzaw riskji possibbli ta' terroriżmu għas-sigurtà interna tal-UE li jirriżultaw mit-teħid tal-poter tat-Taliban fl-Afganistan.

Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu ġie żviluppat f'koordinazzjoni mas-servizzi tal-Kummissjoni, is-SEAE, il-Presidenza u l-aġenziji rilevanti tal-ĠAI tal-UE. Jagħti 23 rakkomandazzjoni għal azzjoni, li huma maqsuma f'erba' oqsma: I. kontrolli tas-sigurtà – prevenzjoni tal-infiltrazzjoni; II. intelligence/tbassir strateġiċi: jiġi evitat li l-Afganistan isir rifuġju sikur għal gruppi terroristiċi; III monitoraġġ u kontropropaganda u mobilizzazzjoni; IV. il-kriminalità organizzata tiġi indirizzata bħala sors ta' finanzjament tat-terroriżmu.

Il-kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab internazzjonali ser tkun kruċjali f'dawn l-oqsma kollha. Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu u l-implimentazzjoni tiegħu ser jiġu riveduti wara sitt xhur f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Terroriżmu (TWP) u l-COTER u wara dan f'intervalli ta' sitt xhur. Il-Kummissjoni hija mħeġġa tesplora l-mobilizzazzjoni tal-istrumenti finanzjarji eżistenti sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni.

I. Kontrolli tas-sigurtà: prevenzjoni tal-infiltrazzjoni tat-terroristi fl-UE

Huwa importanti li jitwettqu **kontrolli tas-sigurtà f'waqthom u msaħħa** fil-fruntieri esterni tal-UE u matul il-proċessi tal-aġġudikazzjoni tal-ażil, tal-viża u proċessi rilevanti oħra. L-għan huwa li jiġu identifikati b'mod effettiv dawk l-individwi li joħlqu, jew li jistgħu joħlqu, riskju għas-sigurtà interna tal-UE, u li tiġi evitata l-infiltrazzjoni tat-terroristi fl-UE. L-informazzjoni jeħtieġ li tiġi kondiviża fil-ħin u b'mod koordinat sabiex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas fil-kondiviżjoni ta' informazzjoni relatata mat-terroriżmu, jew ta' informazzjoni relatata ma' individwu, bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti. Dan japplika b'mod partikolari għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u awtoritajiet oħra tas-sigurtà u l-awtoritajiet tal-ażil u tal-migrazzjoni. Għandha titqies l-informazzjoni rilevanti kollha dwar persuna.

Rakkomandazzjonijiet għal azzjoni:

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeħtieġ li jottimizzaw il-**kontrolli sistematiċi** tagħhom fuq data bijografika u bijometrika ta' ċittadini Afgani jew preżunti Afgani jew ċittadini oħra li ġejjin mill-Afganistan, jew li jiddikjaraw li ġejjin mill-Afganistan, u li jaslu fil-fruntieri esterni tal-UE¹. Dawn il-kontrolli jeħtieġ li jitwettqu bl-użu tal-bażijiet ta' data rilevanti kollha (SIS, Eurodac - kontroll u reġistrazzjoni, sistemi u bażijiet ta' data tal-Europol, ECRIS-TCN², VIS, bażijiet ta' data tal-Interpol³) **f'konformità mar-rekwiżiti legali eżistenti għal tali tfittxijiet**. Prüm għandu jiġi kkonsultat ukoll, abbażi ta' informazzjoni rilevanti fil-bażijiet ta' data tal-pulizija tal-Istati Membri. Kull meta jkun rilevanti, għandha tintuża wkoll id-data tal-PNR u tal-API. Huwa importanti wkoll li tiġi żgurata kooperazzjoni xierqa man-NATO dwar l-użu ta', b'mod partikolari, il-bażi tad-data tal-BICES għal informazzjoni mill-kamp tal-battalja mill-Afganistan u żoni oħra ta' gwerra. Meta jkun possibbli legalment u fil-prattika, il-kontrolli ta' sigurtà msemmija hawn fuq għandhom jitwettqu qabel ma l-persuna inkwistjoni taqsam il-fruntiera esterna tal-UE ta' Stat Membru, jiġifieri fil-pajjiż ta' oriġini jew ta' tranżitu. Dan għandu jkun il-każ ukoll fir-rigward tar-rotot legali lejn l-UE, f'każijiet bħar-riunifikazzjoni tal-familja.

¹ Inkluż dawk li ġew evakwati lejn l-UE

² L-ECRIS-TCN tinsab fil-fażi tal-akkwist tagħha u hija mistennija li tkun kompletament operattiva qabel tmiem l-2022.

³ B'mod speċifiku: Data nominali; Dokumenti tal-Ivvjaġġar Misruqin u Mitlufin (SLTD); ġellieda terroristi barranin (FTF); sistema awtomatizzata għall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba' AFIS; Dokumenti tal-Ivvjaġġar Assoċjati ma' Avvizi (TDAWN).

2. **L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jeħtieġ li jkomplu u jintensifikaw aktar l-iskambju f'waqtu ta' informazzjoni**, u l-investment tagħhom fir-riżorsi meħtieġa biex jidentifikaw, jitraċċaw, jimmonitorjaw u jinterċettaw terroristi possibbli. Dan japplika fir-rigward tal-individwi kollha li jaslu fl-UE⁴ mir-reġjun Afgan. Jeħtieġ li din il-ħidma tibni fuq l-isforzi li saru fir-rigward ta' ġellieda terroristi barranin li jivvjaġġaw lejn u mis-Sirja u l-Iraq. Fuq talba tal-Istati Membri, il-Europol tista' tassisti f'dan il-proċess billi tikkonsulta l-bażijiet ta' data tagħha u tipprovi informazzjoni supplimentari disponibbli. Dan jgħin ukoll biex tiġi indirizzata t-theddida maħluqa mill-ġellieda terroristi barranin li jivvjaġġaw mill-Afganistan⁵.
3. Sabiex ikun possibbli approċċ komuni għal kontrolli tas-sigurtà msaħħa, it-TWP jeħtieġ li jiżviluppa, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' gruppi ta' ħidma rilevanti oħra tal-Kunsill, **protokoll** li jistabbilixxi proċedura uniformi għall-approvazzjoni mill-COSI. Fi ħdan dan il-protokoll, l-aġenziji tal-UE (Europol, Frontex) għandhom jappoġġaw, fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom u fuq talba tal-Istati Membri, lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, b'mod partikolari billi jiskjeraw esperti rilevanti u jagħmlu disponibbli interpreti, medjaturi kulturali, apparat u għodod biex jiffaċilitaw l-aċċess rapidu u dirett għall-bażijiet tad-data speċifiċi tal-Aġenziji. Il-protokoll ma jaffettwax il-prinċipju li s-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà ta' kull Stat Membru.

⁴ Inkluż dawk li ġew evakwati lejn l-UE

⁵ It-Tim ta' Monitoraġġ ikompli jistma li l-ġhadd ta' ġellieda terroristi barranin huwa bejn wieħed u ieħor bejn 8.000 u 10.000, prinċipalment mill-Asja Ċentrali, ir-reġjun tal-Kawkasu tat-Tramuntana tal-Federazzjoni Russa, il-Pakistan u r-Reġjun Awtonomu Uighur ta' Xinjiang taċ-Ċina, fost oħrajn. Għalkemm il-maġġoranza huma affiljati l-aktar mat-Taliban, ħafna jappoġġaw ukoll lill-Al-Qaida. Oħrajn huma alleati tal-ISIL jew jissimpatizzaw mal-ISIL." Rapport NU S/2021/486

4. **Il-Europol, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex) u l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Ażil (EASO)** jeħtieġ li jibdedu iħejju l-loġistika għall-iskjerament possibbli, fuq talba tal-Istati Membri, ta', pereżempju, l-iskrinjar, il-ġbir ta' informazzjoni⁶ u t-teħid tal-marki tas-swaba' fil-fruntieri esterni tal-UE. Dan jeħtieġ li jsir fi ħdan il-mandati rispettivi tagħhom, biex jiġu żgurati skjerament u implimentazzjoni rapidi, speċjalment fil-każ ta' għadd kbir ta' wasliet ta' individwi b'riżultat tas-sitwazzjoni fl-Afganistan. Jistgħu jiġu żviluppati indikaturi komuni tar-riskju li jistgħu jintużaw fil-kontrolli tal-fruntieri. Jista' jiġi kkunsidrat "approċċ ta' hotspots" b'timijiet multidixxiplinari. Il-Europol, f'kollaborazzjoni mal-aġenziji l-oħra, kif xieraq, tista' tibda tħarreġ uffiċjali mistiedna. Dawn tal-aħħar jistgħu jiġu skjerati malajr fil-fruntiera esterna għal kontrolli tas-sigurtà tat-tieni linja, kif meħtieġ. L-interpreti u l-medjaturi kulturali bil-lingwi rilevanti (Pashtu/Dari) diġà jistgħu jiġu identifikati kif ukoll isir ilhom l-istħarriġ ta' sigurtà. Barra minn hekk, jistgħu jsiru tħejjijiet biex jippermettu l-iskjerament rapidu ta' tali servizzi. Ir-reklutaġġ jeħtieġ li jiġi ġestit⁷, soġġett għall-proċeduri u r-rekwiżiti tal-mandati tal-aġenziji rispettivi.
5. Sabiex jiġu vverifikati b'mod aktar effettiv persuni evakwati mill-Afganistan u jiġu identifikati individwi li jaslu mill-Afganistan fil-fruntieri esterni tal-UE li jistgħu jkunu ta' theddida għas-sigurtà interna tal-UE, u fid-dawl tal-hteġa għal kontrolli tas-sigurtà u skambji ta' informazzjoni mtejba, huwa kruċjali li tkun disponibbli **informazzjoni dwar il-kamp tal-battalja** aġġornata għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Europol. Il-Gvern tal-Istati Uniti u l-Istati Membri tal-UE, kif ukoll il-Europol u l-Eurojust, stabbilixxew kuntatti, kanali u proċeduri għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni mill-kamp tal-battalja, inkluż mill-Afganistan. Jibqa' essenzjali li jingħalqu l-lakuni ta' informazzjoni u tiġi żgurata l-aħjar disponibbiltà possibbli tal-informazzjoni rilevanti kollha mill-kamp tal-battalja mill-Afganistan.

⁶ Il-ġbir ta' informazzjoni u l-iskrinjar tal-Frontex huma rilevanti wkoll sabiex jiġi appoġġat il-ġbir ta' informazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali mfassal biex iżid il-kapaċitajiet ta' reazzjoni, pereżempju fir-rigward ta' ġellieda terroristi.

⁷ Pereżempju minn ċittadini Afgani kkwalifikati bi skrinjar tas-sigurtà li ġew evakwati lejn l-Ewropa u li diġà ħadmu għall-UE jew l-Istati Membri fl-Afganistan.

Huwa essenzjali wkoll li jiġi żgurat li d-data rilevanti tiżdied mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) f'konformità mal-proċeduri approvati mill-COSI⁸ ⁹. Is-settijiet tad-data jeħtieġ li jkunu ta' kwalità suffiċjenti u jinkludu d-data alfanumerika meħtieġa¹⁰.

6. Il-kontrolli tas-sigurtà li jikkonċernaw **ċittadini Afgani evakwati mill-Istati Uniti** lejn il-Balkani tal-Punent huma ugwalment rilevanti għas-sigurtà tal-UE. Għandha tiġi mfittxija ċarezza mill-gvern tal-Istati Uniti dwar il-proċess ta' skrinjar tas-sigurtà previst qabel ma jitkompla l-ivvjaġġar lejn l-Istati Uniti għal daww iċ-ċittadini Afgani li l-Istati Uniti poġġew fi tranżitu fl-UE u fil-Balkani tal-Punent. Dan japplika, pereżempju, għall-proċeduri applikabbli, l-iskedi ta' żmien, u l-proċessi ta' segwitu għal talbiet miċħuda għal viża għad-dħul fl-Istati Uniti. Dan, min-naħa tiegħu, ser jippermetti valutazzjoni aħjar tal-implikazzjonijiet potenzjali tas-sigurtà għall-Istati Membri tal-UE. Għal daww l-individwi li tpoġġew fi tranżitu fil-Balkani tal-Punent u li ġew miċħuda viża għad-dħul fl-Istati Uniti, il-Gvern tal-Istati Uniti għandu jiġi mistieden jaqsam mal-awtoritajiet tal-Istati Membri u/jew il-Europol id-data personali u bijometrika tagħhom, kif ukoll ir-raġunijiet għaċ-ċaħda ta' tali applikazzjonijiet. Din l-informazzjoni ser tipprovdi r-raġunijiet legali għar-reġistrazzjoni ta' dawn l-individwi fis-SIS, jekk jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet rispettivi. Barra minn hekk, l-assistenza tal-Istati Uniti hija kruċjali għall-iskrinjar ta' ċittadini Afgani li jinsabu fil-bażijiet tal-Istati Uniti fl-UE, iżda li talbu l-ażil fl-Istati Membri tal-UE.
7. Hija meħtieġa valutazzjoni ta' kif għandhom jiġu ttrattati ċittadini Afgani jew ċittadini oħra li joriġinaw mill-Afganistan li waslu fl-UE (eż. permezz ta' titjiriet ta' evakwazzjoni) u li dwarhom **hemm indikazzjonijiet jew evidenza li huma ta' theddida għas-sigurtà**. Għandha tingħata l-konsiderazzjoni dovuta lis-sitwazzjoni fl-Afganistan. Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti, fejn possibbli inkluż informazzjoni mill-kamp tal-battalja, sabiex tkun tista' ssir investigazzjoni u prosekuzzjoni possibbli ta' dawn l-individwi għandha tiġi esplorata.

⁸ "Definizzjoni ta' proċess għall-evalwazzjoni u possibbilment għad-dħul ta' informazzjoni minn pajjiżi terzi dwar Għallieda Terroristi Barranin suspettati fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen" dok. 13037/20 (traduzzjoni mhux uffiċjali). Dan il-proċess ikun applikabbli wkoll għat-trattament ta' informazzjoni minn pajjiżi terzi relatata ma' terroristi suspettati mill-Afganistan.

⁹ Ir-regolamenti dwar il-Europol u s-SIS bħalissa qed jiġu nnegożjati.

¹⁰ Ladarba s-SIS il-ġdida tibda taħdem (fil-bidu tal-2022), ser ikun possibbli li jiddaħħlu allerti li jkun fihom biss data tal-marki tas-swaba'.

Il-Eurojust għandha tappoġġa lill-Istati Membri fir-rigward ta' tali prosekuzzjonijiet. L-EASO qed jappoġġa l-amministrazzjonijiet tal-ażil bis-sejbien ta' applikanti li għalihom tista' tkun applikabbli waħda mill-klawżoli ta' esklużjoni permezz ta' taħriġ u għodod speċifiċi għall-pajjiżi, inkluż dwar l-Afganistan¹¹. Għida rigward l-applikazzjoni tar-raġunijiet ta' esklużjoni fir-rigward ta' applikanti mill-Afganistan (inkluż pereżempju terroristi possibbli) hija disponibbli wkoll fil-Għida dwar il-Pajjiż tal-EASO dwar l-Afganistan.

II. Intelligence/tbassir strateġiċi: jipprevjenu lill-Afganistan milli jsir rifuġju sikur għal gruppi terroristiċi

Hemm riskju li t-Taliban qed iżomm ir-rabtiet mill-qrib tiegħu ma' Al-Qaida¹² u jippermetti lill-Al-Qaida (u gruppi terroristiċi oħra) preżenza u opportunitajiet biex jiżviluppa l-attivitajiet tiegħu fl-Afganistan. Dan għandu jiġi mmonitorjat mill-qrib u vvalutat regolarment. Anki li kieku Al-Qaida kellha tmajna għal xi żmien, u ma twettaqx azzjoni esterna li tista' tiġi attribwita direttament lill-preżenza tiegħu fl-Afganistan, Al-Qaida xorta jkollha rifuġju sikur u ż-żmien biex tibni mill-ġdid il-kwartieri ġenerali tagħha, kif ukoll l-opportunità li tiggwida u tispira l-affiljati tiegħu.

L-attivitajiet kontinwi fl-Afganistan ta' ISIS Khorasan (IS-K) għandhom jiġu mmonitorjati wkoll. Mingħajr preżenza fuq il-post fl-Afganistan, ser tkun sfida kbira li tinkiseb intelligence soda u affidabbli dwar l-attivitajiet tal-gruppi terroristiċi u l-affiljati tagħhom. L-iskambju ta' informazzjoni strateġika u konsultazzjonijiet regolari ma' sħab ewlenin huma essenzjali.

¹¹ Ir-rapporti ta' informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini tal-EASO jipprovdu informazzjoni ġenerali ta' sfond u informazzjoni speċifika dwar dawk involuti fil-kunflitt.

¹² Skont in-NU (Rapport lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU mit-Tim ta' Monitoraġġ tas-Sanzjonijiet tal-1 ta' Ġunju 2021, dok S/2021/486), mill-iffirmar tal-ftehim fi Frar 2020, it-Taliban żamm ir-rabtiet mill-qrib tiegħu mal-Al-Qaida, u kompli jippermetti l-preżenza tal-Al-Qaida fl-Afganistan.

Rakkomandazzjonijiet għal azzjoni:

8. Jeħtieġ li l-Istati Membri jikkondividu, fuq bażi volontarja iżda impenjata permezz tal-INTCEN tal-UE, **intelligence dwar it-theddida terroristika** strateġika li tirriżulta minn żviluppi fl-Afganistan. L-INTCEN għandu jiżgura rappurtar intensifikat biex tiġi vvalutata l-preżenza u l-attivitajiet ta' gruppi terroristiċi fl-Afganistan. Tali rappurtar għandu jkopri wkoll il-finanzjament ta' dawn il-gruppi terroristiċi u l-preżenza ta' għallieda terroristi barranin. Il-Europol għandha tiġi mħeġġa tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jimmonitorjaw il-movimenti tat-terroristi bejn l-UE u l-Afganistan, inkluż permezz tal-Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet tal-UE. Jeħtieġ li jiġu żgurati proċeduri u mekkaniżmi li jlaqqgħu flimkien l-atturi rilevanti kollha sabiex jiġi żgurat rispons tal-UE f'ħin reali, komprensiv u koordinat. Il-kondiviżjoni ta' informazzjoni strateġika dwar il-kwistjoni ta' rifugi sikuri għal gruppi terroristiċi fl-Afganistan u r-riskji assoċjati għandha tissaħħaħ aktar ma' sħab ta' pajjiżi terzi fdati, f'konformità mal-acquis tal-UE dwar id-drittijiet fundamentali, inkluż il-privatezza.
9. Il-Europol għandha tiġi appoġġata sabiex tkun tista' timpjega membri tal-persunal li sarilhom stħarriġ ta' sigurtà u li jikkellmu l-Pashtu/Dari/Urdu/Farsi fl-Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet tal-UE. Din il-firxa ta' lingwi hija sett ta' ħiliet speċjalizzati li bħalissa mhux disponibbli fil-Europol. L-għan ikun li jiġu mmonitorjati n-networks soċjali u sorsi oħra, inkluż informazzjoni dwar sejħiet possibbli għal movimenti terroristiċi lejn u mill-Afganistan. Jista' jiġi kkunsidrat l-istabbiliment ta' **grupp ta' speċjalisti tal-lingwa fil-livell tal-UE li sarilhom stħarriġ ta' sigurtà** (inkluż eks membri tal-persunal tad-Delegazzjoni tal-UE f'Kabul evakwati u persunal lokali simili) sabiex jiġi ffaċilitat ir-reklutaġġ ta' tali settijiet ta' ħiliet għall-aġenziji tal-ĠAI tal-UE.

10. Jeħtieġ li l-UE **ssaħħaħ id-djalogu, tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni strateġika u tiżgura interazzjoni akbar** ma' xi wħud minn dawk il-pajjiżi ġirien tal-Afganistan, kif ukoll ma' pajjiżi fir-reġjun, mal-pajjiżi rilevanti tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf u globalment ma' dawk li għandhom aċċess għal informazzjoni dwar l-Afganistan. Jeħtieġ li jsir użu sħiħ mill-"pjattaforma politika reġjonali ta' kooperazzjoni mal-ġirien tal-Afganistan", li għandha tiġi stabbilita mis-SEAE, bħala eżitu tal-laqgħa ta' Gymnich fit-3 ta' Settembru 2021, li hija mistennija tinkludi dimensjoni dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Dan jinkludi wkoll it-tnedija ta' Inizjattiva ta' Tim Ewropa li għandha l-għan li tindirizza l-ispostament furzat fir-reġjun. Barra minn hekk, jeħtieġ li jiġu applikati l-istrumenti eżistenti. Dawn għandhom jinkludu d-Djalogi tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu ma' pajjiżi fir-reġjun, li għandhom ikunu sostnuti permezz ta' mobilizzazzjoni akbar tal-ġhodod tal-UE għall-bini tal-kapaċità fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u n-network tal-UE ta' Esperti Kontra t-Terroriżmu f'Delegazzjonijiet magħżula tal-UE. Għandu jiġi esplorat l-istazzjonar ta' Esperti addizzjonali tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu fid-Delegazzjonijiet tal-UE fir-reġjun, dejjem jekk il-mezzi baġitarji jippermettu¹³. L-assistenza lill-pajjiżi ġirien li jirċievu refuġjati mill-Afganistan tikkontribwixxi wkoll għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fost ir-residenti fil-kampijiet. Eżempji ta' tali assistenza jistgħu jkunu l-edukazzjoni, kif ukoll l-għoti ta' provvisti għall-għajxien u kundizzjonijiet umanitarji u ta' sigurtà tajbin.

¹³ Fir-reġjun, attwalment, hemm pożizzjonijiet ta' esperti tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-Pakistan u fil-Kirgiżistan għall-Asja Ċentrali.

11. Is-sistema tan-NU u **kanali multilaterali** oħra jistgħu jkunu sors importanti ta' informazzjoni. L-UE u l-Istati Membri jeħtieġ li jkomplu jappoġġaw ir-rappurtar ta' kwalità għolja tan-NU dwar il-preżenza u l-azzjonijiet ta' gruppi terroristiċi fl-Afganistan. Huma għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni rilevanti lill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ġlied Kontra t-Terroriżmu, lill-UN CTED u lill-Kumitat tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU skont ir-risoluzzjoni 1267 (1999), 1989 (2011) u 2253 (2015) dwar ISIL (Daesh), Al-Qaida u individwi, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati. L-UE għandha wkoll tinvolvi ruħha politikament u tfittex informazzjoni kif ukoll koordinazzjoni permezz tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh u l-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu. Barra minn hekk, jeħtieġ li l-UE tinvolvi ruħha mal-G7 biex tippromwovi l-iskambju ta' informazzjoni. Permezz ta' dan l-iskambju ta' informazzjoni beda sħarriġ tat-tagħmir tas-sigurtà li tħalla fl-Afganistan. Ser tiġi esplorata aktar kooperazzjoni man-NATO b'rispett sħiħ tal-mandat ewlieni tan-NATO.
12. Jeħtieġ li l-UE u l-Istati Membri tagħha jikkunsidraw u jesploraw mas-sħab internazzjonali kif jistgħu jsiru bil-mod l-aktar effettiv talbiet ċari u mhux negożjabbli lit-Taliban biex **jigħu miċħuda rifuġji sikuri lil gruppi terroristiċi fuq art Afgana**, u kif l-impenji potenzjali jistgħu jigħu mmonitorjati. Mingħajr ma jiġi antiċipat id-dibattitu dwar ir-rikonoxximent tal-gvern Taliban u l-issoktar tal-ġhajjnuna għall-iżvilupp, l-indirizzar tal-kwistjoni ta' rifuġji sikuri jeħtieġ li jkun parti mill-konsiderazzjonijiet.

III. **Monitoraġġ u kontropropaganda u mobilizzazzjoni**

Il-ħtif tal-poter tat-Taliban ipprovda spinta ta' propaganda, li mmobilizzat appoġġ lil hinn mill-udjenzi Afgani għal estremisti terroristiċi u Iżlamisti globalment, inkluż fl-Ewropa. L-iżviluppi fl-Afganistan jenfasizzaw l-importanza tal-ġlied kontra t-tixrid tal-ideoloġija Iżlamista estremista internazzjonalment.

Rakkomandazzjonijiet għal azzjoni

13. Jeħtieġ li l-INTCEN tal-UE u l-Unità ta' Indikazzjoni ta' Kontenut fuq l-Internet tal-UE fil-Europol **jimmonitorjaw u jipprovdu analiżi** tal-ħtif tal-poter tat-Taliban fl-Afganistan fir-rigward tax-xena globali ta' **propaganda estremista terroristika u Iżlamista**, inkluż l-impatt fuq dawk fl-Ewropa li huma friskju ta' radikalizzazzjoni. It-Taliban, kif ukoll il-kwartieri ġenerali u l-affiljati ta' Al-Qaida, jistgħu joperaw kampanji ta' komunikazzjoni strateġiċi biex jiżviluppaw u jxerrdu narrattivi estremisti Iżlamisti. Dawn jeħtieġ li jiġu mmonitorjati, inkluż fuq il-media soċjali. Dan jinkludi l-monitoraġġ tal-politika tat-Taliban lejn in-nisa u l-bniet u ċ-ċaħda tat-Taliban tal-libertà tal-espressjoni, ir-reliġjon, eċċ., li jista' jkollha impatti negattivi fl-Ewropa. Il-monitoraġġ għandu jkopri wkoll tentattivi potenzjali mid-Da'esh li juża s-sitwazzjoni fl-Afganistan biex iżid il-viżibbiltà u l-attraenza tal-ISIS Khorasan, kif ukoll diskors estremist vjolenti possibbli tal-lemin u tax-xellug b'reazzjoni għall-iżviluppi wara l-ħtif tal-poter mit-Taliban.
14. Hemm bżonn li tiġi kkunsidrata analiżi tal-impatt u analiżi oħra, appoġġ għall-iżvilupp ta' **kontronarrattivi** u l-iskambju tal-aħjar prattiki, inkluż permezz tan-**Network** ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN) u d-Diviżjoni tal-Komunikazzjoni Strateġika tal-UE fis-SEAE fir-rigward ta' **strateġiji ta' komunikazzjoni**. Hemm ukoll il-ħtieġa għal rispons adegwat mill-kumpanniji tal-media soċjali u l-kooperazzjoni magħhom. L-għan huwa li tiġi żgurata t-tneħħija ta' kontenut terroristiku¹⁴ u diskors ta' mibegħda online. Hemm bżonn li jiġi żgurat appoġġ kontinwu ta' politika lill-Istati Membri sabiex jiġu megħjuna fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni strateġika tagħhom u s-sensibilizzazzjoni dwar l-isfidi tal-komunikazzjoni. Barra minn hekk, hemm bżonn li jiġi kkunsidrat appoġġ għal proġetti stratcom kif ukoll proġetti ta' kontronarrattivi fir-reġjun. L-RAN għandu jiġbor u jadatta prattiki tajba eżistenti fil-qasam tal-kontronarrattivi, u jekk possibbli joħloq sett ta' għodod għall-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jinkoraġġixxu persuni bi sfond Afgan biex jipparteċipaw fi sforzi ta' kontronarrattivi. L-Istati Membri għandhom jaħdmu mill-qrib mal-awtoritajiet lokali tagħhom biex jappoġġaw lill-persuni vulnerabbli għar-radikalizzazzjoni, inkluż dawk ta' oriġini Afgana.

¹⁴ It-tħejjijiet għall-applikazzjoni tar-Regolament dwar il-Kontenut Terroristiku Online għandhom jiġu intensifikati.

15. Għal għexieren ta' snin, l-Afgani kienu esposti għal firxa ta' ideoloġija Iżlamista estremista appoġġata esternament. Il-**firxa u l-inflwenza tal-ideoloġija estremista Iżlamista**, kemm fir-reġjun kif ukoll globalment, jitolbu valutazzjoni fil-fond ta' kif tista' tiġi miġġielda din il-problema u ta' kif tali sforzi jistgħu jiġu integrati b'mod aktar b'saħħtu fi ħdan il-politika barranija tal-UE. L-impenn kontinwu tal-UE mal-Arabja Sawdija dwar it-tnaqqis tal-proselitiżmu estremist Iżlamist jista' jgħin biex inebbaħ dan l-isforz. Djalogi simili, inkluż flimkien ma' djalogi regolari kontra t-terroriżmu, jistgħu jinbdew f'koordinazzjoni mill-qrib tal-Istati Membri ma' pajjiżi fejn hemm attivitajiet li jippromwovu l-ideoloġija Iżlamista estremista internazzjonalment. Il-kwistjoni tista' tkun ukoll parti mid-djalogu mal-organizzazzjonijiet reġjonali. Il-Gruppi ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill għandhom jivvalutaw ir-rakkomandazzjonijiet għall-approċċi tal-UE fiż-żewġ studji reċenti maħruġa mis-servizzi tal-Kummissjoni dwar il-firxa tal-Iżlam/Salafiżmu fundamentalista fis-Saħel u fl-Afrika tal-Punent¹⁵. Għandha tingħata importanza kbira lit-tisħiħ tar-rappurtar mid-delegazzjonijiet tal-UE (EUDELs) u l-Esperti dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, l-integrazzjoni, kif xieraq, fi ħdan il-programmi ta' assistenza għall-iżvilupp kif ukoll il-kooperazzjoni mal-missjonijiet rilevanti tal-PSDK fir-reġjun. Dan jeħtieġ li jsir f'konformità mal-mandati ewlenin ta' dawk il-missjonijiet. Jeħtieġ li tingħata konsiderazzjoni wkoll għal aktar studji esperti. Dan, min-naħa tiegħu, ser jiffaċilita t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati.

IV. **It-trattament tal-kriminalità organizzata bħala sors ta' finanzjament tat-terroriżmu**

Huwa maħsub li t-Talibani kienu qed jikkontrollaw il-bieċa l-kbira tal-produzzjoni tal-oppju u l-koltivazzjoni tal-peprin fl-Afganistan. In-negozju huwa meqjus bħala wieħed mis-sorsi ewlenin ta' introjtu tagħhom. Huwa maħsub ukoll li t-Talibani kienu involuti fil-produzzjoni jew it-traffikar ta' drogi sintetiċi. Iż-żieda fil-produzzjoni tal-oppju fl-Afganistan tinfluwenza direttament id-disponibbiltà tal-eroina fis-swieq tal-UE fejn l-eroina tasal prinċipalment permezz tar-rotta tal-Balkani.

¹⁵ Diskussjoni fil-COTER hija skedata tentattivament għal Diċembru 2021

Madankollu, aktar reċentement, din kienet qed tasal ukoll permezz tar-rotta tan-Nofsinhar, mill-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar¹⁶. L-estrazzjoni tal-efedrina¹⁷ u l-produzzjoni tal-metamfetamina fl-Afganistan kienu qed jespandu b'mod rapidu f'dawn l-aħħar snin¹⁸. Hemm evidenza emerġenti li dan jintuża minn gruppi Talibani biex jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom¹⁹.

L-armi²⁰ kkonfiskati mit-Taliban wara l-irtirar tat-truppi tal-Istati Uniti u dawk alleati, u meħuda mill-forzi tas-sigurtà Afgani, jirrappreżentaw theddida predominanti fuq perijodu ta' żmien medju sa twil. Ir-raġuni hija li dawn jistgħu jsir negozju bihom biex jiġġeneraw introjtu, jew jintużaw biex jappoġġaw networks ta' kriminalità organizzata kif ukoll ċelloli terroristiċi li joperaw fl-Afganistan u lil hinn minnu, sabiex jitnedew attakki kontra miri tal-Punent. Bħal ma ġara fis-Sirja u l-Iraq, it-terroristi jistgħu jeqirdu l-antikitajiet għal skopijiet ta' propaganda jew jittraffikawhom għal skopijiet finanzjarji. Il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali/it-traffikar tal-bnedmin huma sors potenzjali għall-finanzjament tat-terroriżmu u jistgħu jintużaw minn gruppi ta' kriminalità organizzata biex jiffaċilitaw l-infiltrazzjoni tat-terroristi fl-UE. Sabiex tiġi evitata żieda fil-finanzjament ta' gruppi terroristiċi konnessi mal-Afganistan u t-Taliban, għandu jiġi indirizzat id-dħul kollu possibbli relatat mal-attivitajiet ta' traffikar.

Rakkomandazzjonijiet għal azzjoni:

16. Il-**Europol** għandha timmonitorja u tivvaluta l-impatt potenzjali u l-evoluzzjoni tar-riskji tal-kriminalità marbuta mas-sitwazzjoni fl-Afganistan fuq is-sigurtà tal-UE u tiżviluppa stampa aġġornata mtejbja tal-intelligence kriminali.

¹⁶ Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) 2019, Rapport tal-UE dwar is-Swieq tad-Droga 2019, aċċessibbli fuq https://www.emcdda.europa.eu/publications/joint-publications/eu-drug-markets-report-2019_en

¹⁷ Ingħatat attenzjoni lill-Afganistan fir-rigward ta' metodu ġdid għall-estrazzjoni tal-prekursur tal-metamfetamina, l-efedrina, mill-pjanta efedra li tikber fir-reġjuni muntanjużi tal-pajjiż.

¹⁸ Anki jekk jidher li l-impatt fuq is-swieq tal-UE s'issa kien limitat, x'aktarx li t-Talibani ser jieħdu vantaġġ minn din l-opportunità ta' negozju.

¹⁹ Emerging evidence of Afghanistan's role as a producer and supplier of ephedrine and methamphetamine (Evidenza emerġenti tar-rwol tal-Afganistan bħala produttur u fornitur tal-efedrina u tal-metamfetamina) <https://www.emcdda.europa.eu/system/files/publications/13410/emcdda-methamphetamine-in-Afghanistan-report.pdf>

²⁰ Dan jinkludi wkoll goggles għall-viżjoni billejl

17. Bħala parti mir-rappurtar tagħha dwar theddid terroristiku relatat mal-Afganistan, l-**INTCEN** tal-UE jeħtieġ li jkompli jirrapporta dwar il-kriminalità organizzata relatata mat-terroriżmu u kwistjonijiet relatati. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni lill-armi, lit-tagħmir militari u dak speċifiku li tħalla, li jinsab friskju li jintuża minn gruppi terroristiċi f'attakki, inkluż fl-Ewropa.
18. **Traffikar tad-droga:** Il-Europol u ċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) - skont il-mandati rispettivi tagħhom - u f'kooperazzjoni ma' partijiet ikkonċernati oħra bħall-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC), Aġenziji oħra tal-UE bħall-Frontex, pajjiżi mir-reġjun u sħab internazzjonali oħra, għandhom jivvalutaw l-implikazzjonijiet tal-iżviluppi fl-Afganistan dwar il-produzzjoni u t-traffikar tad-droga. Għandha ssir enfasi, b'mod partikolari, fuq l-impatt tagħhom fuq is-suq tad-drogi tal-UE. F'dan ir-rigward, hemm bżonn li jiġu esplorati xenarji potenzjali fuq perijodu ta' żmien qasir sa medju. Din il-valutazzjoni tista' tidentifika wkoll kif tista' tissaħħaħ il-kapaċità ta' monitoraġġ sabiex jiġu appoġġati u jiżiedu t-tnejn u r-risponsi possibbli²¹ għal bidliet u sfidi futuri fl-Afganistan u fir-reġjun. Din il-valutazzjoni għandha tiffoka wkoll fuq kif għandhom jiġu analizzati r-rabtiet ma' networks kriminali, u kif dan jista' jippermetti attività terroristika. Din il-valutazzjoni għandha, b'mod partikolari, tiegħu kont tal-produzzjoni u t-traffikar tal-opjati, il-kannabis u l-metamfetamini kif ukoll it-traffikar ta' prekursori lejn ir-reġjun. Ser ikun importanti li jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti għall-Europol, kif ukoll li jiġi permess mandat ċar u riżorsi suffiċjenti għall-EMCDDA biex iwettaq din l-attività, b'mod partikolari fid-dawl tar-reviżjoni ppjanata tal-mandat tal-EMCDDA.

²¹ Il-programm EU-ACT kontra t-traffikar tad-drogi stabbilit taħt l-Istrument li jikkontribwixxi għall-Istabbiltà u l-Paċi huwa ddedikat għall-ġlieda kontra t-traffikar tal-eroina fir-reġjun u lejn il-Kosta tal-Lvant tal-Afrika. Għandu jiġi kkunsidrat li dan il-programm, li għandu timijiet lokali fil-Pakistan, l-Ukrajna, il-Georgia u t-Tanzanija, jitkompla.

Għandha tkompli tingħata attenzjoni speċifika lill-Afganistan u lill-pajjiżi ġirien fl-attivitajiet operazzjonali tal-EMPACT²² li jindirizzaw il-produzzjoni u t-traffikar tad-drogi. F'dan ir-rigward, għandha ssir enfasi fuq it-tnejn li għaddejjja bħalissa tal-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali tal-2022. Għandu jiġi esplorat ukoll iż-żieda tal-appoġġ tal-UE għat-tisħiħ tas-sigurtà tal-fruntieri fir-reġjun, bħall-inizjattiva tal-Programm għall-Ġestjoni tal-Fruntieri fl-Asja Ċentrali u l-Afganistan (BOMCA). Hemm ukoll il-ħtieġ li jiġi mmobilizzat il-programm reġjonali għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għall-pajjiżi tar-Rotot tal-Harir²³.

19. L-UE għandha tappella lill-Afganistan biex jirrispetta l-obbligi tiegħu skont il-Konvenzjoni Unika tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi, b'mod partikolari rigward il-koltivazzjoni tal-peprin tal-oppju, u skont il-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Traffikar Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi²⁴. Mingħajr ma jiġi ppreġudikat id-dibattitu dwar ir-rikonoxximent tal-gvern Taliban u l-bidu mill-ġdid tal-ġhajjuna għall-iżvilupp, l-UE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati reġjonali u internazzjonali rilevanti oħra, b'mod partikolari l-UNODC, tista' tesplora modi kif l-ekonomija Afgana titmexxa lil hinn mid-dipendenza tagħha fuq il-koltivazzjoni u t-traffikar tad-drogi, kemm permezz ta' inċentivi (bħal inċentivi ekonomiċi għal bdiewa li jiddependu fuq il-koltivazzjoni tal-peprin u programmi ta' żvilupp alternattivi) u oqfsa regolatorji aktar stretti (bħal: projbizzjoni gradwali effettiva fuq il-koltivazzjoni tal-peprin u t-traffikar ta' opjati u drogi sintetiċi skont il-konvenzjonijiet rilevanti tan-NU u d-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem; azzjoni speċifika biex jiġu żarmati l-laboratorji illeċiti u n-networks ta' traffikar tad-droga). Is-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni għandhom jikkunsidraw li jipprovdu appoġġ għal miżuri ta' żvilupp alternattivi biex jiżguraw l-ġhajxien tal-bdiewa. Fl-istess ħin, jeħtieġ li l-Kummissjoni tiegħu prekawzjonijiet biex tevita kwalunkwe użu ħażin tal-fondi.

²² EMPACT hija l-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali. L-EMPACT tindirizza l-aktar theddid importanti mill-kriminalità internazzjonali organizzata u serja li taffettwa lill-UE. F'Mejju 2021, l-UE adottat 10 prijoritajiet tal-EMPACT (pereżempju t-traffikar tad-drogi u tal-armi tan-nar u l-kriminalità organizzata kontra l-proprjetà) li għandhom jiġu implimentati bejn l-2022 u l-2025.

²³ EUR 12-il miljun, implimentati miċ-Ċentru Internazzjonali għall-Iżvilupp tal-Politika dwar il-Migrazzjoni (ICMPD)

²⁴ Il-konvenzjonijiet rilevanti tan-NU huma: Il-Konvenzjoni Unika dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, il-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971 u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffikar Illeċitu fi Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tal-1988.

20. Dan jista' possibbilment isir f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali u internazzjonali b'għarfien espert f'dan il-qasam. L-assistenza permezz tal-NGOs u l-assistenza min-NU jistgħu jkunu għażliet ta' min jesplora. Hemm ukoll il-ħtieġa li jiġu appoġġati inizjattivi mmirati lejn il-promozzjoni tal-kooperazzjoni reġjonali sabiex jiġi indirizzat it-traffikar tranżnazzjonali tad-drogi.
21. **Traffikar ta' armi tan-nar:** Sal-lum, l-Afganistan ma kienx pajjiż ta' orijini għat-traffikar tal-armi tan-nar. L-armi tan-nar jiġu ttraffikati ġewwa l-UE prinċipalment mill-Balkani tal-Punent. X'aktarx li jseħħ traffikar potenzjali ta' armi tan-nar mill-Afganistan lejn l-UE permezz tar-rotta tax-Xlokk tal-Ewropa. Biex titnaqqas il-possibbiltà ta' riskju fuq perijodu medju ta' traffikar tal-armi mill-Afganistan lejn l-UE, l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tal-UE 2020-2025 dwar it-traffikar tal-armi tan-nar hija kruċjali. Ir-raġuni hija li dan jinkludi kemm l-UE kif ukoll is-sħab tax-Xlokk tal-Ewropa (il-Balkani tal-Punent, il-Moldova u l-Ukrajna). L-azzjonijiet operazzjonali li jinvolvu l-Balkani tal-Punent għandhom jingħataw prijorità u jissaħħu permezz tal-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali rilevanti tal-EMPACT, pereżempju t-traffikar tal-armi tan-nar, in-Networks Kriminali b'Riskju Għoli biex jiġi indirizzat it-traffikar illeċitu ta' partijiet tal-armi tan-nar. Il-Europol għandha timmonitorja d-distribuzzjoni online tal-armi tan-nar jew tal-komponenti tagħhom. Il-kooperazzjoni mal-Istati Uniti u l-kumpanniji tal-konsenja tal-pakketti veloċi għandha tissaħħaħ f'dan il-kuntest biex tizzied id-detezzjoni. Il-Frontex u s-CEPOL għandhom iżidu t-taħriġ dwar id-detezzjoni tal-armi tan-nar għall-gwardji tal-fruntiera u tal-kosta, għall-infurzar tal-liġi u għad-dwana. Il-Manwal tal-Frontex li ġie żviluppat dan l-aħħar dwar id-detezzjoni tal-armi tan-nar għandu jkun għodda ewlenija għall-uffiċjali tal-ewwel linja, speċjalment il-gwardji tal-fruntiera u l-uffiċjali tad-dwana. Verżjoni li għandha tintuża fil-Balkani tal-Punent għandha tiġi żviluppata mill-Frontex f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-Balkani tal-Punent, appoġġati mill-UE u s-sħab internazzjonali.

22. **Traffikar ta' antikitajiet:** Dan huwa relatat mal-monitoraġġ u l-valutazzjoni komprensiva tar-riskju tat-traffikar ta' beni kulturali mill-Afganistan. Dan jeħtieġ li jitwettaq mill-Europol, u b'appoġġ mill-EMPACT, pereżempju permezz tal-operazzjoni Pandora, jew attivitajiet operazzjonali oħra, bħall-operazzjoni Harmakhis. Dan jista' jiġi inkluż fil-Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali tal-EMPACT tal-2022 dwar il-kriminalità organizzata kontra l-proprjetà. Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra li toħroġ twissija ġdida speċifika għas-suq tal-arti u għall-awtoritajiet tal-ġestjoni tal-fruntieri, u titlobhom jeżerċitaw viġilanza u diliġenza dovuta fir-rigward ta' beni kulturali mill-Afganistan. Dan jista' jsir f'kooperazzjoni mal-Interpol, il-UNESCO, l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali (WCO), il-UNODC u l-Kunsill Internazzjonali tal-Mużewijiet (ICOM), u n-Network Informali ta' Awtoritajiet tal-Infurzar tal-Liġi u Esperti kompetenti fil-qasam tal-Oġġetti Kulturali (EU CultNet). Il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tniedi proġetti għad-diġitalizzazzjoni ta' artefatti kulturali Afgani preżenti fl-Ewropa u possibbilment f'pajjiżi oħra, li diġà qed jiċċirkolaw. L-għan ikun li tiġi appoġġata d-detezzjoni ta' artefatti misruqa mill-Afganistan. Tista' tiġi esplorata projbizzjoni komprensiva u temporanja fuq l-importazzjoni ta' beni kulturali mill-Afganistan. Jeħtieġ li tiġi stabbilita sistema ta' reazzjoni rapida mill-Kummissjoni fil-kuntest tal-pjan ta' azzjoni li jmiss dwar it-traffikar ta' beni kulturali biex jiġu żgurati miżuri immedjati.

23. **Il-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin:** L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, l-aġenziji rilevanti tal-ĠAI, pereżempju l-Europol, il-Eurojust, il-Frontex u l-Istati Membri għandhom isaħħu l-isforzi eżistenti, b'mod partikolari permezz tal-EMPACT u l-inklużjoni possibbli fil-Pjan ta' Azzjoni Operazzjonali tal-2022²⁵, biex jiġu indirizzati l-kriminalità organizzata u l-gruppi terroristiċi li qed jiffaċilitaw u jisfruttaw finanzjarjament il-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin. F'dan il-kuntest, l-UE għandha ssaħħa il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien tal-Afganistan, kif ukoll mas-sħab reġjonali tagħha. Hemm il-hteġa li tiġi indirizzata l-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni għal finijiet politiċi u theddid ibridu ieħor bħala riskju għas-sigurtà²⁶.
24. Jista' jiġi kkunsidrat ukoll li jiżdied l-enfasi fuq l-Afganistan fl-**inizjattiva tal-EMPACT dwar il-finanzi kriminali u l-ħasil tal-flus**, minħabba d-dimensjoni orizzontali u trasversali ta' din tal-aħħar, biex jiġu appoġġati l-investigazzjonijiet finanzjarji marbuta mal-attivitajiet kriminali li jiffinanzjaw it-terroriżmu. Jeħtieġ li l-UE tissorvelja mill-qrib il-politiki u l-prattiki futuri tal-Afganistan dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu, u li tikkunsidra l-passi li jmiss fil-mument opportun.

²⁵ Il-prijorità tal-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, il-prijorità tat-traffikar tal-bnedmin, u l-għan strateġiku orizzontali komuni tal-forniment ta' dokumenti frodulent u foloz bħala faċilitatur.

²⁶ Il-Kunsill tal-UE ("Ġustizzja u Affarijiet Interni") iddikjara fil-31 ta' Awwissu 2021 li huwa "ser jirrispondi għat-tentattivi biex il-migrazzjoni illegali tiġi strumentalizzata għal finijiet politiċi u theddid ibridu ieħor, inkluż billi jiġu żviluppati għodod ġodda".